TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 550/10

**Dr. Franco Mercieca u Ms Audrey Mercieca**

**vs**

**International Sales Direct**

Illum 27 ta' Jannar, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fit-3 ta' Jannar, 2011 fejn ir-rikorrenti talbu rifużjoni ta' ħames mitt ewro (€500), rappreżentanti depożitu ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350) fuq *solar water heater,* u mija u ħamsin ewro (€150) rappreżentanti depożitu fuq *reverse osmosis*, illi r-rikorrenti ma ħaduhomx u għalhekk qed jitolbu d-depożitu lura.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huma rappreżentanti tas-soċjeta' intimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma xtraw żewġ solar water heaters u żewġ reverse osmosis. *Solar water heater* wieħed u *reverse osmosis* waħda kienu għalihom, filwaqt li s-solar water heater l-ieħor u r-reverse osmosis l-oħra kienu għal xi ħadd ieħor.

Peress illi ma ħadux rebate fuq is-*solar water heater*, ir-rikorrenti ma ridux li jiġi installat għand missier il-mara u riedu d-depożitu lura tar-*reverse osmosis* u s-soċjeta' intimata ma qablitx.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet illi r-rikorrenti minkejja li xtraw it-tieni solar water heater ma setax jinstallah fid-dar ta' xi ħadd ieħor u jieħu r-rebate u meta ħadu d-deċiżjoni, ġa kienu għaddew sentejn u għalhekk ma ridux jagħtu d-depożitu lura wkoll.

**It-Tribunal jinnota illi:**

Waqt is-smiegħ tal-kawża, r-rikorrenti kien kiteb lil Malta Resources Authority (MRA) fejn ġie nfurmat illi ma kienx hemm applikazzjoni għat-tieni *solar water heater* u għalhekk ma setax jieħu d-depożitu tiegħu lura.

It-Tribunal jinnota illi għalhekk is-soċjeta' intimata kienet żbaljata li ma tagħtux it-tliet mija u ħamsin ewro (€350) lura bħala depożitu.

Għaldaqstant, it-Tribunal, qed jikkundanna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), filwaqt li l-mija u ħamsin ewro (€150) depożitu fuq ir-*reverse osmosis*, ir-rikorrenti ddeċiedew illi ma jieħduhiex minħabba d-diżgwid illi s-soċjeta' intimata ma riditx tiġi trasferita għad-depożitu, b'hekk ir-rikorrenti minn jeddu ddeċieda li jikkanċella dik l-ordni, għal raġuni li skond it-Tribunal mhix ġustifikata.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti in parte, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas is-somma ta' tliet mija u ħamsin ewro (€350), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**